MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 514/2006

**Talba Nru: 514/06PBC**

**Carmel u Sylvia, konjugi Ciantar**
**(ID 565758M u 840158M)**

**Vs**

**Joseph Micallef (ID 114447M)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ erba’ mija u hmistax-il lira Maltin (Lm415) jew somma ohra verjuri rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fil-fond proprjeta’ taghhom bl-isem ‘Casa Charlsyl’, Triq il-Kanonku G. Gatt Said, Rabat b’rizultat ta’ nirien li hakmu l-vettura tal-konvenut illi kienet

ipparkeggjata f'garaxx agacenti ghall-fond tal-mittenti, ghal liema danni jahti unikament il-konvenut, bl-ispejjez kollha inkluzi dawk ta' ittra ufficjali tas-17 ta' Settembru, 2004 u bl-imghax legali mid-data ta' l-incident sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi ghan-nirien mertu ta' l-incident ma kienx jahti l-eccipjent.

Fi kwalunkwe kaz, din il-kawza ghandha tistenna l-ezitu tal-kawza 920/03JB Roger Mifsud Vs Joseph Micallef, liema kawza tirrigwarda l-istess incident. Salvi eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjez kontra l-attur.

Ra illi l-kawza fuq imsemmija Avviz Numru 920/03 li giet ceduta fl-1 ta' Novembru, 2006.

Sema' x-xhieda ta' Sylvia Ciantar, Carmel Ciantar u ta' Lolly Mifsud.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra l-verbal tas-seduta tas-27 ta' Frar, 2007 li biha l-partijiet qablu li l-atti tal-kawza Avviz Numru 920/03 Roger Mifsud Vs Joseph Micallef jigu allegati ma' din il-kawza.

Ra l-atti tal-kawza msemmija li fiha hemm ix-xhieda ta' Roger Mifsud u l-*process verbal* ta' l-inkjesta dwar hruq f'garaxx numru 24, Triq Kanonku Gatt Said, Rabat nhar is-7 ta' Novembru, 2002.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Chris Cilia ghall-atturi u ta' Dr Simon Micallef Stafrace ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fis-7 ta' Novembru, 2004 kien hemm nirien fil-garaxx numru 24, Sunshine Court, Triq Kanonku Gatt Said, ir-Rabat ghall-habta tad-disgha ta' filghaxija (9.00p.m). Fl-incident inharqet ghal kollox

vettura Volkswagen bin-numru ta’ registrazzjoni EAI 631 filwaqt li karozza Fiesta bin-numru ta’ registrazzjoni AAA 859 garrbet hsara gravi, oltre mutur bin-numru ta’ registrazzjoni RGR 156.

Il-konvenut odjern huwa sid il-vettura Volkswagen EAI 631 u l-atturi qeghdin jallegaw illi n-nirien beda minn din il-vettura.

B’rizultat ta’ l-imsemmi nirien grat hsara fil-proprjeta’ ta’ l-atturi u ghalhekk l-atturi qeghdin jitolbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas id-danni minnhom sofferti.

L-unika provi materjali ghal kif sehh l-incident huwa r-rapport ossija relazzjoni ta’ l-Espert Forensiku l-Professur Alfred J Vella.

F’dan ir-rapport hemm sunt tax-xhieda tal-persuni li xehdu fl-inkjesta. Fl-inkjesta l-konvenut Micallef stqarr:

“Nghid li jien meta ndahhal il-karozza fil-garaxx dejjem naqla’ wahda mit-terminals tal-batterija bhala sigurta kontra xi *short circuit*”.

L-Espert wasal ghall-konkluzjoni illi:

“In-nar f’dan il-kaz kellu origini accidentali u jidher li kien beda minn hruq tal-Volkswagen bin-numru ta’ registrazzjoni EAI 631 liema nar ikkomunika mal-Ford Fiesta bin-numru ta’ registrazzjoni AAA 859 peress illi din il-karozza kienet wieqfa qrib il-Golf. Anki l-mutur Kawazaki RGR 156 garrab hsara minn dan in-nar li heggeg fuq il-Golf.”

L-Espert wasal ghall-konkluzjoni li:

“Ma kien hemm l-ebda elementi ta’ provi li jindikaw li fil-garaxx kien dahal xi hadd u ta n-nar lill-vettura li kienet l-aktar wahda ‘l boghod mill-bieb ta’ barra. Lanqas ma kien hemm mezz kif dan in-nar fil-karozza seta’ jinbeda dolozament minn barra minghajr ma’ wiehed jintrometti ruhu fil-garaxx. F’dan l-incident kien hemm *seat of fire*

wiehed, u cjoe’ dak li origina fuq il-Golf u ma kien hemm l-ebda tqallib, zgass jew affarijiet estranea misjubin fl-intern tal-garaxx jew fl-ambjenti cirkostanzi tieghu li juru li setghet kienet sehhet xi azzjoni doluza fih.

Huwa ghalhekk li l-esponenti huwa tal-fehma li n-nar fuq il-Golf inbeda minn kawzi elettrici accidentali u mhux b’xi mod iehor.
Mill-mod ta’ kif inharqet il-Golf, l-esponenti kkonkluda li n-nar beda x’imkien fil-kabina tal-passiggieri u minn hemm ipproceda ‘l hinn lejn il-kompartamenti tal-magna u l-*boot* tal-karozza.  Dan jispjega ghaliex il-partijiet t’isfel tal-*mudguards* ta’ quddiem baqghu minghajr ma nharqitilhom iz-zebgha taghhom.

Huwa probabbli li n-nar beda minn xi *short circuit* li sehh f’xi wiehed mill-*wires* tal-*harness* li hemm taht id-*dashboard* jew inkella anki mill-*electrical contactors* ta’ l-*ignition switch* ghalkemm il-punt fejn kien sehh dan il-gwast ma giex stabbilit mill-esponenti waqt l-access.  Li kien jidher cert u li x-*short circuit* ma sehhx fil-*cables* principali li jikkomunikaw mal-batterija stante li dawn ma kellhomx sinjali li jindikaw tali cirkostanza.  (bhal beading fil-wiring taghhom).

Barra minn hekk, *shorting* f’xi parti mill-*electrical harness* li tinsab taht id-*dashboard* kienet taqbel mal-konkluzjoni rigward il-fatt li s-*seat of fire* kien fl-intern tal-kabina tal-passiggieri u mhux fil-kompartament tal-magna, fejn kien jidher li n-nar wasal aktar tard mill-kabina.

Biex seta’ kien hemm *short circuit* fil-Golf, izda, z-zewg *cables* li jiehdu l-kurrent mill-batterija riedu bilfors ikunu qeghdin f’kuntatt maz-zewg *terminals* rispettivi taghha.”

Dan it-Tribunal ikkwota estensivament fil-konkluzjoni tar-relazzjoni tal-Perit Tekniku billi jhoss illi d-determinazzjoni ta’ din il-kawza tiddependi mill-imsemmija rizultanzi.

F’dan il-kaz l-atturi jinhtiegilhom jippruvaw ness bejn il-hsara minnhom sofferti u l-kawza ta’ l-incident.  M’hemmx

dubju illi dan in-ness gie debitament ipprovat fis-sens illi jirrizulta minghajr dubju, u lanqas ma jidher li huwa kkontestat, illi l-hsarat sofferti mill-atturi huma naxxenti minn nirien u li l-origini ta' dan in-nirien kien proprju mill-vettura tal-konvenut Micallef.

"In linea ta' principju generali ghall-ezistenza tal-htija jrid ikun hemm il-prova tal-kolpa, u billi hu l-attur li jallega din il-prova tmiss lilu. Hekk allura, b'illustrazzjoni, jinsab ritenut illi:

*"Il vicino il cui fabbricato è incendiato come conseguenza dell' incendio sviluppato in uno stabilimento vicino, se chiede una indennita` al conduttore o proprietario di tale stabilimento, ha l' onere della prova della colpa di tale proprietario o conduttore perche egli invoca contro di lui un diritto che non ha altro fondamento che la colpa di colui contro il quale il reclamo vien fatto"* (**Kollez. Vol. XXV P III p 768**).

Dan, izda, mhux dejjem hu hekk il-kaz. Hu difatti rikonoxxut illi jezistu kazijiet fejn il-fatti dannuzi juru l-impronta tal-htija, b'mod li min ikun ipprova dawk il-fatti ghandu jinftiehem li pprova wkoll il-htija w allura jkun obbligu ta' min ikun kagun ta' dawk il-fatti li jipprova li hu ma kellux htija filli ssuccieda. Jinghad a propositu, b'ezemplari, illi:

*"all' attore incombeva soltanto la prova del danno sofferto e non stava a lui di provare che la causa di quel danno fosse stato la colpa dell' operaio"* (**Kollez. Vol.XXIV P I p 893**).

Dan kien kaz fejn id-dannu pretiz fil-mutur kien ikkagunat minn haddiem fil-kors ta' l-ezekuzzjoni tat-tiswija tieghu. Issokta jinghad f'din l-istess decizjoni illi:

*"spettava al convenuto di dimostrare che egli nell' esecuzione di quel lavoro aveva adoperato la diligenza, la prudenza e l' attenzione da lui dovuta e che il danno fosse attribuito non a sua colpa ma al caso fortuito o ad alter cause estranee da lui indipendenti";*

Hawnhekk, tista' tghid, qeghdin f'sitwazzjoni konsimili. Kulma kellu jipprova l-attur kien il-fatt ta' l-ingress ta' l-ilma fil-fond tieghu provenjenti mill-appartament sovrastanti, proprjeta' ta' l-appellanti. Hi din il-prova tan-ness materjali tal-kawzali ta' bejn l-ingress ta' l-ilma u d-dannu verifikat li kienet tinkombi fuq l-attur.  Dan ghaliex fil-kaz prezenti ninsabu fil-prezenza tar-responsabbilta' oggettiva, hekk krejata mis-sitwazzjoni taz-zewg fondi, ghal liema jghoddu wkoll il-principji tar-*res ipsa loquitur*." **(Farrugia Vs Galea App. Inf. Civ. 7/2/2007)**"

It-Tribunal jaqbel ma' dan l-insenjatemt ahhari u jidhirlu illi, stabilita l-prova li l-hsara sofferta mill-atturi giet min-nirien imsemmi u li s-*seat of fire* kien gej mill-vettura tal-konvenut, dan jigi kaz ta' *res ipsa loquitur* u jinkombi fuq il-konvenut li jgib provi sufficjenti difenzjonali.

Mill-provi prodotti partikolarment mir-rapport forensiku tal-Professur Alfred Vella, jidher car illi l-hruq in kwistjoni gara minn *short circuit* f'din il-vettura li beda mill-*electrical fault* fil-*harness* li tinsab taht id-*dashboard* fin-naha interna tal-karozza, cjoe' fil-kabina tal-passiggieri u mhux fil-kompartament tal-magna.  L-affermazzjoni tal-konvenut li kien skonnettja l-batterija giet smentita mill-Espert pero' jinghad ukoll li mhux normali li wiehed jiskonnetta l-leads tal-batterija kull darba li jdahhal il-karozza fil-garaxx.

Ma nghatat l-ebda spjegazzjoni ghaliex sehh dan ix-*short circuit*.  Ghalkemm ma sarux  provi li juri li l-konvenut kien traskurat jew li l-vettura tieghu ma kienetx fi stat tajjeb ta' riparazzjoni, l-fatt li fl-inkjesta qal li kien jaqla' l-leads tal-batterija jaghtu x'jifhem li forsi kien raguni ghaliex hass li normalment kellu jaghmel hekk. Inoltre, vettura ma tiehux in-nar spontanjament.  M'hijiex *self combustible*.  Ma kien hemm l-ebda sinjali ta' zgass fil-garaxx.  In-nirien ghalhekk jidher li sehh minhabba li kien hemm xi haga hazina fil-vettura tal-konvenut.

Il-konvenut ma gabx provi biex juri s-*service records* tal-vettura u lanqas ma xehed dwar il-maintenance taghha. Dan ma kienx xi *act of god* li gara minhabba ragunijiet

inspjegabbli. L-incident gara ghaliex il-karozza kellha xi haga hazina. Kieku il-karozza kienet fi stat tajjeb, l-incident ma kienx isehh.

Illi ghalhekk, ghalkemm m'hemmx prova ta' dolo jew responsabbilta' ta' indoli kriminali, t-Tribunal jidhirlu li fil-kamp civili, bhalma hu l-kaz odjern, il-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur u dan billi ma jirrizultax sodisfacentement ipprovat li l-incident sehh minhabba *casus.* Anzi l-indikazzjonijiet huma li l-vettura ma kienetx mizmuma fi stat tajjeb ghaliex altrimenti l-incident ma kienx isehh. Il-konvenut ma rnexxielux jeghleb il-prezunzjoni *juriz tantum* fuq imsemmi tar-*res ipsa loquitur* u konsegwentement it-talba attrici tisthoqq li tigi akkolta.

Ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-*quantum.*

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet ta' l-atturi u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u hmistax-il lira Maltin (Lm415) bl-interessi mid-data tan-notifika ta' l-Avviz u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------